# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


***Minuti tad-9 laqgħa tas-Seba' Kunsill Lokali li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta, 1 ta' Settembru 2015 fis-6:15 p.m.***

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| **Sindku** | Giljan Aquilina |
| **Viċi Sindku** | Mario Gauci |
| **Kunsillieri** | Christopher Fenech |
| | Carl Grech |
| | Mark Azzopardi |
| **Aġent Segretarju Eżekuttiv** | Kurt Guillaumier |
| **Skużati** | |
| **Ambaxxatriċi Żagħżugħa** | Rebecca Chircop |

**09/01** **Talba**

**09/01/01** Il-laqgħa bdiet fis-6.15 p.m. billi ntqalet it-talba. L-Ambaxxatriċi Żagħżugħa Rebecca Chircop ġiet skużata.

**09/02** **Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Nru 8**

**09/02/01** Ma kienx hemm korrezzjonijiet fil-minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati u iffirmati l-Minuti.

**09/03** **Punti mtella' mill-Minuti 8**

**09/03/01** **Para 08/03/02:** Il-laqgha ma TM saret. TM baqghu joggezzjonaw li jitwahhlu Traffic Lights fi Triq il-Gnien u issa qed jitolbu li jsir survey sabiex tigi ikkunsidrata t-talba ghat-twessigh tat-triq. TM approvaw li titwahhal tabella fi Triq l-Oratorju kantuniera mal-Pjazza. Talbiet biex isiru lines sofor quddiem garaxxijiet jenhtiegu l-approvazzjoni ta' TM. Rigward it-talba ghal line isfar quddiem dahla ta' garaxxijiet fi Triq Stiefnu Zerafa r-residenti qed jigbru l-firem. Rigward it-talba biex isir parking fuq iz-zewg nahat ta' Triq l-Oratorju TM talbu li jsir kejl tal-wisa tat-triq u ta' Triq Karmnu Zarb.

**09/03/02** **Para 08/03/03:** L-Agent S.E. informa li ghad irid igib l-approvazzjoni tal-Green Procurement Department ghas-sejhiet tal-offerti li hargu.

**09/03/03** **Para 08/03/04:** Rigward il-laqgha mal-Asst. Kummissarju ghandna qed nistennew appuntament.

**09/03/04** **Para 08/03/07:** L-ittra rigward il-wires imdendlin fi Triq San Gwann għadha pendenti peress l-Aġent Segretarju Eżekuttiv qed jistenna aktar dettalji tal-post ezatt.

**09/03/05** **Para 08/03/09:** Il-Kunsill innota li l-laqgha mas-Segretarju Parlamentari Chris Aguis hija fit-18 ta' Settembru 2015.

**09/03/06** **Para 08/05/09:** Kien hemm qbil li din il-mera għandha tehel ftit 'il fuq biex tkun aktar effettiva. Dan ghandu isir wara li jigu ikonsultati xi residenti.

**09/05/07** **Para 08/05/10:** Il-linja s-safra fi Triq Sta Katerina ghad trid issir.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

| | |
|---|---|
| **09/05/08** | **Para 08/05/14:** Is-Sindku qal li hu kien tkellem ma resident iehor li ma qabilx li x-xtieli ta' Triq Indipendenza ghandhom jinqalghu. |
| **09/03/09** | **Para 08/05/23:** Kien hemm qbil li jinxtarw 10 boroż ohra cold asphalt biex jintużaw fi Sqaq iċ-Ċawl. |
| **09/03/10** | **Para 08/06/01:** Il-Kunsill gie mitlub jibghat site plan biex jindika ezatt lill-MEPA fejn qed isir radam f'Wied Anglu. |
| **09/03/11** | **Para 08/06/08:** It-talba lil Malta Public Transport ghal hsara li saret fil-crash barrier ta' Triq Stiefnu Zerafa ghad trid issir wara li jingabar ir-rapport tal-Pulizija. |
| **09/03/12** | **Para 08/07/04:** L-Agent S.E. ikkonferma li kienu hargu r-Regret Letters u l-Letter of Acceptance kemm ghat-tender tas-servizz tal-Perit kif ukoll dik ghall-qtuh tal-haxix. Issa jmiss li jigi iffirmat il-kuntratt. |
| **09/03/13** | **Para 08/07/06:** Gie deciz li l-offerti li rcieva l-Kunsill ghas-servizz tal-knis etc. jinfethu fil-presenza ta dawk li tefghu l-offerta u l-ftuh isir wara li l-Kunsill ikun kiseb l-approvazzjoni tal-Green Procurement Department. |
| **09/04** | **Approvazzjoni ta' Pagamenti** |
| **09/04/01** | L-Aġent SE ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-*Agenda*. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti. Kien hemm qbil ukoll li jiġu approvati l-petty cash. |
| **09/05** | **Ilmenti u Suġġerimenti** |
| **09/05/01** | 18115020233924 Talba biex titwaħħal tabella "Do not feed the stray cats" fi Triq l-Oratorju. Il-Kunsill ma qabilx li jwahhal din it-tabella imma gie deċiż li tintbagħat ittra lill-persuna li qiegħda titma lill-qtates. |
| **09/05/02** | 18115087233928 Talba biex isiru double yellow lines fi Triq l-Excelsior minħabba li qed isir ipparkjar li jostakolaw garage. Ġie deċiż li ma jsirux il-linji u r-residenti għandu jaghmel rapport lill-Pulizija meta jiġi ostaklat garage. |
| **09/05/03** | 18115035233248 Talba biex titwahhal bozza fi Triq il-Ġnien fejn il-pont. Għandu jsir kuntatt mar-resident biex jiġi indentifikat il-post eżatt fejn qed jitlob din il-bozza. |
| **09/05/04** | 18115010233243 Talba biex jitneħħew yellow lines fi Triq Dimitrju Farrugia biex jiżdied il-parkeġġ. Għandha ssir site visit qabel tittiehed decizjoni. |
| **09/05/05** | 181150902332250 Talba biex jitneħħew żewġ *double yellow lines* fi Triq Mons Luigi Catania kantuniera ma' Triq San Ġwann. Il-Kunsill unanimament ma qabilx ma din it-talba. |
| **09/05/06** | 18115053233255 Talba biex ir-raba' parking space li hemm fi Triq l-Oratorju jiċċekken u biex titkabbar il-kaxxa safra quddiem garage biex ikun hemm aċċess aħjar minħabba li dan il-garage huwa skuntrat kontra l-One way. Kien hemm qbil fuq dan. |
| **09/05/07** | 18115099233954 Talba mill-Għaqda tal-Armar biex issir rampa quddiem il-maħżen tagħhom fi Triq l-Oratorju. Għandha ssir site visit qabel tittiehed decizjoni. |

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**09/06** ***Korrispondenza***

**09/06/01** Ġiet innutata ittra mis-Sindku tal-Għarghur lill-Pulizija rigward nuqqas ta' preżenza tal-Pulizija fil-Għargħur

**09/06/02** Ġew innutati korrispondenza mill-MEPA. Ġie deċiż li ssir objection fuq PA 06203/08.

**09/06/03** Kien hemm diskussjoni rigward fondi approvati mill-Gvern Centrali għall-attività kulturali li għandha ssir f'Ottubru. Ġie deċiż li ssir talba biex dawn il-fondi jintużaw għall-attività f'Diċembru. Jekk din ma tiġix aċċettata, din l-attività għandha ssir f'Ottubru u għandu jsir kuntatt mas-Sur Mario Camilleri biex jikkordina din l-attività.

**09/06/04** Ġiet innutata talab mill-kulleġġ Santa Marija biex il-Kunsill jiffinanzja attivitajiet extra-curriculum. L-ammont hu ta' 250 Ewro. Il-Kunsill iddecieda li ma jilqax din it-talba.

**09/06/05** Ġiet innutata Memo 23/2015 – Stedina mill-Ministru għall-Finanzi Konsultazzjoni ta' qabel il-Baġit 2016 fl-14 ta' Settembru 2015.

**09/06/06** Kien hemm diskussjoni fuq korrispondenza mis-Sur Stephan Micallef mill-ARPA rigward Measure 313. Hu spjega li l-aħħar pagament tal-ELC mhux ser jiġi mħallas minħabba problemi proċedurali. Ġie deċiż li jsir kuntatt miegħu biex dan il-pagament jiġi meqjus bħala direct order u jitħallas l-ammont permessibbli skont ir-regolamenti finanzjarji. Il-kumplament tal-kont ghandu jithallas mill-Kunsill. Sadanittant l-Agent S.E. ikkonferma li l-kontijiet kollha relatati mal-izvilupp tal-Gnien tal-Ponta huma imhallsa.

**09/06/07** Ġiet innutata korrispondenza mill-persuna li qed jikri t-Torri Semafora. Hu nforma lill-Kunsill li ma jirnexxilux jakkwista permess mill-MEPA biex jopera *coffee shop* fit-Torri. Għalhekk hu mhux ser ikompli bil-kirja. Il-Kunsill accetta din it-talba u gie deciz li għandhom jiġu nfurmati l-GPD biex tiġi aġġustata l-kera li l-Kunsill iħallas lilhom.

**09/06/08** Ġie approvata l-invoice mill-WD għal diversi xogħol infrastruturali fejn il-Kunsill iħallas 30% tax-xogħol u l-materjal neċessarju. L-ammont tax-xogħol ġie 314.26 Ewro.

**09/06/09** Ġiet approvata stima ta’ 130 Ewro biex isir it-tinqix fl-irħama tas-sala tal-kunsill biex jitniżżel l-isem tas-Sindku l-ġdid.

**09/06/10** Kien hemm diskussjoni fuq iż-żewġ żgħażagħ li applikaw għall-post ta' Ambaxxatur ta' Żgħażagħ. Ġie deċiż li jintgħażel Owen Muscat u meta dan jagħlaq it-18-il sena, jintgħażel Josmar Camilleri. Kien hemm qbil unanimu fuq dan.

**09/06/11** Ġie deċiż li l-korrispondenza tal-MEPA tibda tintbagħat lill-membri tal-Kunsill b'email qabel il-laqgħa u jigi indikat jekk l-izvilupp propost ikunx f’ODZ. Il-korrispondenza pero xorta ghandha titressaq fil-laqgha tal-Kunsill.

**09/07** **Materji oħra u mistoqsijiet**

**09/07/01** Il-Kunsillier Christopher Fenech innota nuqqas matul il-granet tal-festa fosthom fejn vetturi li thallew ipparkjati fir-rotta tal-Purcissjoni. Kien hemm qbil li tinkiteb ittra lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jiġi nfurmat li kien hemm karozzi ipparkjati f'żoni projbiti u ma ġewx towed. Rigward il-permessi ghall-boundary walls il-Kunsill qabel li jkompli jsegwi u jimxi ma kulhadd l-istess. Ser issir laqgha ma wiehed mill-kuntratturi.

# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur   GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111    Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt        Website : www.gharghur.gov.mt**


**09/07/02** Is-Sur Mark Azzopardi semma l-unur li gawda l-Għargħur b'record Malti għall-akbar raddiena mekkanizata miksub mis-Sur Roberto Gauci. Il-Kunsill qabel li jaghti rikonoxximent lil Roberto Gauci. Hu lmenta wkoll li ghal darba ohra thalla isir xogħol fi Triq Fidiel Zarb qabel id-9 ta' filgħodu. Dan qed johloq problemi kemm ghar-residenti kif ukoll biex jingabar l-iskart. L-Agent S.E. gie mitlub jara li l-permessi johorgu kif suppost.

**09/07/03** Is-Sur Mario Gauci ipprezenta l-Management accounts ghas-sitt xhur li ghalqu fit-30 ta' Gunju 2015. Dawn gew approvati. Kopja tal-accounts ser tintbaghat lid-DLG u ohra titpogga fuq il-websites tal-Kusnill.

**09/07/04** Is-Sindku informa li l-laqgha mal-BOV dwar l-installazzjoni tal-ATM kienet saret. Dawn talbuna biex nindikaw xi postijiet fejn din tista tehel pero indikaw ukoll li mhix facli biex isir meta wiehed iqis l-ispiza involuta kemm dik kapitali u kemm dik rikurrenti.

**09/08** **Aġġornament**

**09/08/01** Il-laqgħa ġiet aġġornata fit-8.20 p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar it-Tlieta, 22 ta' Settembru 2015 fis-6.00 p.m.

**Giljan Aquilina** — **Kurt Guillaumier**
**Sindku** — **Aġent Segretarju Eżekuttiv**